MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 780/2004

**Vincent u Mary konjugi Cefai**

**vs**

**Fleur Dunbar f'isimha proprio kif ukoll fl-interess ta' Climax Company Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenuta pro et nomine tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' tmien mija u hamsin lira Maltin (Lm850.00) rapprezentanti danni kommessi mill-konvenuta fil-fond lilha mikri mill-atturi skond skrittura privata datata 21 ta' Marzu 2002 bejn l-atturi u l-konvenuta, permezz ta' liema skrittura l-atturi kkoncedew lill-imsemmija konvenuta, b'titolu ta' lokazzjoni

il-fond 'Bella Compania' Triq ir-Ramel, Bugibba, kif ukoll hlas tal-licenzja lill-Awtorita' tat-Turizmu.
Bl-imghax u bl-ispejjes kotnra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet is-egwenti:-
1. It-talba tal-atturi hi nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. L-ammont mitlub fl-Avviz m'huwiex dovut stante li l-konvenuta ma wetqet l-ebda danni fil-fond mikri lilha u l-licenzji kienet halsithom.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjes.

Sema' x-xhieda tal-atturi, tal-konvenuta u ta' Stephen Cleaver. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' skrittura datata 21 ta' Marzu 2002 (esebita a fol. 17 tal-process) l-atturi kkoncedew lill-konvenuta b'titolu ta' lokazzjoni il-fond konsistenti *f'bar and restaurant* bl-isem ta' Bella Compania, fi Triq ir-rRamel, Bugibba u dan taht il-kunidzzjonijiet stipulati fl-imsemmija skirittura. F'Awissu 2003 il-kirja giet terminata. L-ammont mitlub fil-kawza odjerna jirrigwarda danni kagunati mill-konvenuta fil-fond lilha mikri u hlas tal-licenzja lill-Awtorita' tat-Turizmu ghas-snin 2002 u 2003. Il-konvenuta teccepixxi li hija ma kkawzat ebda danni fl-imsemmi fond u ssostni li l-licenzji relattivi gew minnha mhallsa.

In kwantu jirirgwarda l-ammont ta' Lm363.38 li l-atturi qed jitolbu ghall-licenzji fuq il-fond ghas-sena 2003 skond ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti a fol. 25, 26 u 27 tal-process il-konvenuta tirritjeni lli dan l-ammont m'huwiex dovut stante lli hija kienet erronjament hallset lill-atturi l-ammont dovut ghall-licenzji ghas-sena 2002 meta fil-fatt dan l-ammont ma kienx dovut minnha peress li hija bdiet tokkupa l-fond fil-21 ta' Marzu 2002 u fl-iskrittura ta' lokazzjoni relattiva l-atturi kienu idiikjaraw li l-licenzji kienu

mhallsa. Il-konvenuta ghalhekk tirritjeni li hija ma kellhiex thallas l-ammont dovut ghall-licenzji ghas-sena 2002 u kienet insistiet mal-atturi li in vista tal-fatt li hija kienet hallsithom ghall-licenzji tas-sena 2002 hija ma kienitx ser thallas ghall-licenzja ghas-sena 2003 It-Tribunal jirirleva li fil-klawzola numru 6 tal-ftehim bejn il-partijiet l-atturi idikjaraw biss li l-fond kien kopert bid-debiti licenzji u mhux li tali licenzji kienu gew imhallsa sad-data tal-iffirmar tal-iskrittura. Fil-klawzola numru 5 tal-sikrittura ta’ lokazzjoni il-konvenuta kienet obbligat ruhha li thallas ghall-licenzji pertinenti ghall-fond u in vista tal-fatt li hija bdiet tokkupa l-fond fil-21 ta’ Marzu 2002 hija kienet obbligata li thallas ghall-licenzja ghal dak il-perijodu fis-sena 2002 li hija damet tokkupa l-fond. Hija ghandha wkoll thallas ghal dak il-perijodu tas-sena 2003 (minn Jannar sa Awissu) li hija baqghet tokkupa l-fond. L-atturi ddikjaraw li l-konvenuta kienet hallset il-licenzja ghas-sena 2002 u spjegaw li l-ammont li huma qed jitolbu jirrigwarda l-perijodu tas-sena 2003 li fih il-konvenuta kienet tokkupa l-fond. It-Tribunal ezamina l-ircevuti relattivi ghall-hlas tal-licenzji lill-Awtorita’ tat-Turizmu ghas-sena 2003 u meta ikkalkula l-ammont li huwa dovut pro rata mill-attrici ghall-perijodu ta’ tmien xhur wasal ghas-somma ta’ Lm322.96. Il-konvenuta sejra ghalekk tigi kkundannata thallas dan l-ammont lill-atturi.

Mill-prospett esebit a fol. 24 jirrizulta wkoll li l-atturi qed jitolbu l-hlas tas-somma ta’ Lm20.70 ghat-tiswija tal-*fridge*. Mill-ircevuta realttiva datata 22 ta’ Ottubru 2003 (a fol. 28) jidher li dan l-ammont gie mhallas mill-atturi sabiex il-*fridge* terga’ tintela’ bil-gass u mhux ghal tiswija u ghalhekk l-eccezzjoni tal-konvneuta f’dan ir-rigward qed tigi milqugha.

L-atturi qed jitolbu wkoll is-somma ta’ Lm290.00 li huma hallsu sabiex tissewwa il-magna tal-kafe’ li skond huma ma kienitx qed tiffiunzjona meta huma regghu hadu lura il-pusess tal-fond. Il-konvenuta ssostni li fl-20 ta’ Novembru 2002 (ara ricevuta esebita a fol. 45) hija kienet hallset ghal *service* tal-imsemmija magna tal-kafe’ u ghalhekk hija m’ghandhiex thallas l-ammont mitlub mill-atturi fir-rigward. It-Tribunal jidhirlu li l-atturi ma rnexxilhomx jippruvaw soddisfacentement li l-magna tal-kafe’ ma

kienitx qed tiffunzjona fil-mument li huma hadu puseess tal-fond mnhabba nuqqas ta’ manutenzjoni tal-ismemmija magna da parti tal-konvenuta u ghalhekk it-talba taghhom f’dan ir-rigward qed tigi michuda.

L-istess jinghad ghat-talba tal-atturi ghall-ammonti minnhom imhallsa ghax-xiri ta’ *geyser*, tiswijiet u xoghlijiet ohra ta’ elettriku u spejjes ghal xiri ta’ materjal gha-tiswija ta’ sufanijiet miksura. Fil-fehma tat-Tribunal l-atturi ma pruvawx soddisfacentement li tali spejjes gew minnhom inkorsi bhal konsegwenza ta’ danni kagunati mill-konvenuta.

It-Tribunal jilqa’ t-talba tal-atturi ghall-ammont ta’ Lm90.00 minnhom inkorsi sabiex jigi mnaddaf il-fond (ara ricevuta esebita a fol. 32).

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi ghar-ragunijiet premessi jilqa’ t-talbiet attrici limitatament fis-somma ta’ erba’ mija u tnax il-lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm412.96) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi dan l-ammont ta’ erba’ mija u tnax il-lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm412.96), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------